MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru 1061/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

v

**IVAN VASSALLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **IVAN VASSALLO** ta' tmienja w tletin sena bin l-mejjet Henry u Concetta nee Bartolo, imwieled H'Attard nhar l-ghaxra ta' Marzu 1967 u residenti 134/4, Triq Marsamett, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 141067M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' April 2005 u fil-granet ta' qabel din d-data, f'dawn il-Gzejjer, minghajr l- hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Felicita Vella fil-pussess ta'

hwejjigha u cioe meta zamm fil-pussess tieghu inkwadru minghajr permess jew xort'ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali esibit fl-atti bhala dokument CSH 1 a fol 5 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta mill-ezami tal-imputat ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 2006 [fol 8].

Ikkunsidrat:

Illi nhar tnejn u ghoxrin ta' Frar 2006 **xehed l-Ispettur Josric Mifsud** [fol 9] fejn qal li nhar d-dsatax ta' April 2005, kien gie nfurmat minn kuntistabbli tieghu meta kien ghadu stazzjonat l-ghassa l-Belt, li kien hemm zewgt irgiel f'numru 216, Triq Merkanti, l-Belt Valletta li ma riedux jitilqu mill-post u fil-fatt l-pulizija kienu marru fuq rapport ta' certu Ivan Vassallo biex ikunu jistghu jghinuh johorg lit-tnejn minn nies minn dak l-post tieghu.  Qal li l-post in kwistjoni kien hanut tal-antikwarjat.

Spjega li fuq dan r-rapport huwa acceda f'dan il-hanut tal-antikwarjat u sab zewgt ahwa kunjomhom Vella jitolbu lura l-pitturi li kienet tat ommhom lil imputat biex ibieghhomlha.  L-imputat spjegalha li kien diga biegh il-pitturi w ghalhekk ma setghax jirritornhom.  Ix-xhud staqsih fejn kienu l-pitturi u l-imputat qallu li kienu ghadhom fl-i*store* tieghu u x-xhud spicca eleva dawn il-pitturi. Staqsih ghaliex ma kienx ta l-pitturi lura lil Felicita Vella u dan qallu li ma setghax ghaliex kien diga bieghhom.  Mitlub jghid lil min bieghhom, l-imputat qallu li ma xtaqx jikxef isem l-kumpratur.  L-imputat kien allegatament irrilaxxja stqarrija li pero ma tinsabx esibita fl-atti ta' dan l-process.

Ix-xhud kompla jghid li aktar tard l-ahwa Vella kienu stqarrew mieghu li ma kellhomx aktar interess jiedhu

passi kontra l-persuna imputata, pero l-kaz kellu jitmexxa xorta wahda ex officio. Mistoqsi jekk hu irceviex xi korrispondenza minghand l-avukat difensur tal-imputat in konnessjoni mal-pittura, ix-xhud wiegeb li kien ircieva ittra minghandu fejn kien gie dikjarat li l-imputat ma kellux aktar interess f'din il-pittura u l-*owner* originali taghha setgha jmur ghandu u jehodha lura. Qal li pero sa dakinhar din il-pittura kienet ghadha f'idejn l-pulizija. Qal li hu, minn zmien ghal zmien imur Bighi biex jezamina l-istat ta' din il-pittura fejn kienet qed tinzamm.

Illi nhar t-tlettax ta' Marzu 2006 **xehed PC 372 Jurgen Vella** [fol 14] fejn qal li fid-dsatax ta' April 2005 waqt li kien stazzjonat l-ghassa l-Belt Valletta, kien ircieva rapport minghand l-imputat li hu sid l-proprjeta Vassallo Antiques fi Strada Merkanti, l-Belt fejn qallu li kien hemm xi kwistjoni u meta nizel fuq iil-post sab lil Andre u Etienne Vella li kienu qed jargumentaw mieghu fuq xi pittura. Qal li l-pittura kienet fil-pussess ta' l-imputat wara li ommhom certa Felicita Vella kienet qablet mal-imputat li tghaddi din il-pittura lil imputat sabiex jbieghilha. Felicita Vella allegatament kienet qablet mal-imputat [ghaliex f'dawn il-proceduri ma xehditx] li wahda minn dawk il-pitturi kellha tinbiegh ghal prezz ta' disgha mitt lira filwaqt li ohra kellha tinbiegh ghal hamsa w sebghin lira peress li l-kundizzjoni taghha ma kienetx daqshekk tajba.

Kompla jghid li sussegwentement, mill-investigazzjoni prelimianri tieghu rrizulta li dawn iz-zewgt irgiel marru fil-hanut tal-imputat biex jippruvaw jiehdu dawk iz-zewg pitturi lura. Qal li l-imputat kien qalilhom li ma setghax jaghtihom l-pitturi lura peress li kienu gia gew mibjugha. Ix-xhud qal li hu staqsa ghal dawn l-pitturi u dawn gew murija lilu. Qal li l-imputat kien qallu li fil-fatt il-pitturi kienu gia gew mibjugha lil xi avukat pero dettalji ta' din il-persuna m'inghatax. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument Z. Ikkonferma li l-pitturi kienu proprjeta ta' Felicita Vella.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' raggion fattasi skond l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-elementi tar-reat in dezamina gew magisterjalment migburin fid-definizzjoni anolitika moghtija mill-***Imhallef William Harding*** f'sentenza moghtija nhar ***l-erbatax ta' Ottubru, l944*** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia [vol VXXI – IV p. 768]** u dawn jinkludu:

1. L-att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik l-persuna;

2. L-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;

3. Ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;

4. Li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reat ta' serq jew danni voluntarji fuaq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel dak li ghamlet.

L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terz, jew jfixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-**Carrara** ***[Programma Speciale - Vol 5 - para 2850]***

"*L'atto esterno deve privare altro contra sua voglia di un bene <u>che gode</u>. Che e nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non*

*delinque perche la legge protegge lo 'status quo', il quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto dell'autorita' giudiziale.*"

Issa fil-kaz in ezami, jirrizulta bla ebda dubbju ta' xejn li l-provi huma mankanti hafna. Hemm biss x-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud u PC 372 Jurgen Vella, u minn din x-xhieda li hija biss dak li gie rappurtat lilhom, jirriizulta li l-imputat kellu f'idejh zewg pitturi b'mod legittimu ghaliex gew mghoddija lilu minn sidhom legittimu u li kull ma ghamel hu, bicca negozju fis-sens li bieghhom ghan-nom ta' Felicita Vella.  Issa jekk wara li l-imputat bieghhom, Felicita Vella rega' bdielha u riedet il-pitturi lura, dan ma jfissirx li l-imputat mexa b'xi mod illegali fl-attivita li ghamel.

**Ghalhekk l-Qorti, in vista tal-premess, tiddikjara li ma ssibx lil imputat IVAN VASSALLO hati tal-akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------